MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Numru. 2/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
v

**JOSEPH BUTTIGIEG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH BUTTIGIEG** bin Francis u Maria nee Cordina, residenti 'FrankMar', Triq ta' Cordina, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 9270G, gie mressaq quddiemha akkuzata talli fil-wieehd w ghoxrin ta' Ottubru 2003, ghal habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar waqt li kien fi Triq il-Karita, Rabat, Ghawdex:

1. Voluntarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika;
2. Talli hebb kontra l-persuna ta’ Claudette Camilleri mir-Rabat, Ghawdex, w ikkagunalha feriti ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Doctor Ian Galea MD fl-isptar Generali ta’ Ghawdex;
3. Talli hebb kontra l-persuna ta’ Tessie Spiteri mill-Fontana w ikkagunalha feriti ta’ natura gravi ;
4. Talli kkaguna hsara voluntarja ghad-dannu ta’ Tessie Spiteri fl-ammont li teccedi l-hames mitt lira maltin.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha ta’ Frar 2005 [esibit fl-atti a fol 55] sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta’ nhar d-dsatax ta’ Awissu 2004. [fol 16]

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz l-affidavit ta’ Doctor Ian Galea esibit a fol 25 tal-atti markat bhala dokument IG u l-affidavit rilaxxjat minn Doctor John Xuereb Curmi esibit a fol 33 tal-atti.
Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnax ta’ Jannar 2006.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, x-xhieda tad-difiza kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-dsatax ta’ Awissu 2004 **xehed PS 1424 Mario Sciberras** [fol 18] fejn qal li fil-wiehed w ghoxrin ta’ Ottubru 2003, ghall-habta tas-sebgha, Tessie Spiteri u Claudette Camilleri kienu marru l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex, fejn ghamlu rapport li dakinhar, f’xi l-hamsa, waqt li kienu f’hanut tas-souvenirs hdejn il-knsija ta’ San Gorg, Tessie Spiteri kienet kellmet lil zijuha Neville

Camilleri fejn staqsietu fejn kienet ratu peress li kienet ilha ma tarah u li qisu bihom ma riedtx jaf aktar u dak l-hin kienet harget Michelle Buttigieg u staqsitha x'riedet tghid b'dak l-kliem ghaliex tmur u tifgaha. Zied jghid li dak l-hin Claudette Camilleri qaltilha biex imorru lil hinn. Tessie Spiteri kompliet tghidlu li f'xi hin minnhom, kien mar l-imputat minn wara Michelle Buttigieg u taha daqqa go wiccha u fuq halqha u kissrilha sinna.

Ix-xhud kompla jghid li hu kien tkellem ma Claudette Camilleri u qaltlu li Neville Camilleri kien qabad jaghjjat u jaghtiha u qalilha li kien kollu tort taghha u malli rat li l-imputat jaghti lil Tessie Spiteri, marret timbotta lil Michelle Buttigieg peress li huha l-imputat kien warajha u kemm Neville Buttigieg kif wkoll l-imputat habtu ghaliha.

Ix-xhud tkellem wkoll mal-imputat dak l-hin u dan kien qallu li meta kien ra lil Claudette Camilleri u lil Tessie Spiteri jaghtu lil Michelle Buttigieg, mar biex jifridhom. Cahad li hu ta xi daqqa ta' ponn lil xi hadd. Ix-xhud qal li kemm Tessie Spiteri kif wkoll Claudette Buttigieg marru l-isptar ta' Ghawdex fejn Doctor Ian Galea ccertifikohom li kellhom slight injuries..

Sussegwentement esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 20]. Qal li ghalkemm l-incident sehh fil-hamsa r-rapport sar fis-sebgha. Qal li li kemm Tessie Spiteri kif wkoll Claudette Buttigieg marru l-isptar ta' Ghawdex qabel is-sebgha u li kien baghtom hu. Qal li l-incident kien sehh fil-hanut tas-souvenirs fi Triq il-Karita, hdejn l-knisja ta' San Gorg. Qal li l-imputat kull ma qallu kien li hu mar jifred waqt il-glieda li kien hemm ma Michelle Buttigieg.

Illi nhar d-dsatax ta'Awissu 2004 **xehdet Tessie Spiteri** [fol 26] fejn qalet li fl-ghoxrin ta' Ottubru 2003, ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija, hi kienet f'hanut tad-deheb tat-tifla ta' ohtha Claudette Camilleri u waqt li kienu qed iharsu lejn il-vetrina, dahal fil-hanut t-tifel ta' ohtha, Neville Camilleri. Qalet li kien hemm wkoll Cettina, li llum martu, u Michelle Buttigieg. Qalet li kienet ilha ma tarah w ghalhekk marret tkellmu u staqsietu kif kien. Qalet li

Neville Camilleri qalilha li fejn kien, kien qieghed tajjeb w hi rrispondietu "*J'Alla l-gid*." Kompliet tghid li hekk kif dawn Cettina u Michelle Buttigieg kienu hergin, qalu lil Neville Camilleri biex jitilqu u hi qaltlu biex jekk ikunu jridu jmorru ghandha jistghu jmorru. Ziedet tghid li waqt li kienu mexjin, Michelle Buttigieg daret fuq Neville Camilleri u qaltlu "*Dik x'riedet tghid biha li ma mmur naqlaghlha rasha*" u hi daret fuqha u qaltilha "*Michelle, jien kellimtek? Ghalfejn trid taqlaghli rasi?*" Qalet li dak l-hin kien hemm l-imputat li qabad jaghti lil ohtu, jghidilha li kien kollu tort taghha w ghajjaraha 'qahba' u qabad jaghti lil Claudette Camilleri. Ix-xhud qalet li hi ppruvat tifridhom u qaltlu "*B'hekk ha tpattiliha lil ohtok billi tghajjarha qahba!*" Qalet li l-imputat imbotta lil Michelle Buttigieg ghal fuqhom minn go saqajh u beda jaghti lil Claudette Camilleri bil-ponn f'wiccha. Ziedet tghid li hi daret fuq l-imputat u qaltlu "*X'ghamlitlek Claudette Camilleri biex qbadt tagtiha*" u hu ma tkellimx. Qalet li sadanitant Claudette Camilleri bdiet tibki u cemplet lil ommha biex tghidilha x'kien gara.

Kompliet tghid li mbaghad Michelle Buttigeg, oht l-imputat ghajtitilha waqt li kienet fil-kantuniera ta' Triq il-Karita ma Triq Monsinjur Guseppi Farrugia, u qaltilha "*Tess, jien qatt ma kelli xi nghid minnek. Jien kelli xi darba xi nghid mieghek?*" Ziedet tghid li waqt li kienet qed titkellem ma Michelle Buttigieg, l-imputat qalilha "*Warrab minn nofs Michelle, forsi nifqaghlha wiccha*" b'referenza ghaliha w imbotta lil Michelle Buttigieg ghal fuqha waqt li qal "*Michelle, ar'hemm ha nkissriilha snienha*" u hareg idejh. Ix-xhud qalet li hi marret ghand d-Dentist Xuereb w ghamlilha certifikat li jinsab esibit fl-atti bhala dokument S [fol 28]. Qalet li hi sofriet tkissir f'zewg sinniet frontali u nefqet tmien mija u tmenin lira maltin biex irrangathom.

Illi nhar s-sitta ta' Jannar 2005 **xehdet Claudette Camilleri** [fol 40] fejn qalet li kienet f'hanut tas-souvenirs maghruf ta' Dolindo, fir-Rabat u waqt li kienet mal-vetrina ma zijitha Tessie Spiteri, dahal huha Neville Camilleri u l-mara tieghu Cettina u Michelle Buttigieg u halliethom jinqdew qabilha. Qalet li dak l-hin Tessie Spiteri marret tkellem lil Neville Camilleri, pero ma kienetx taf fuq x'hiex. Qalet li wara ftit hargu mill-hanut l-ewwel Neville Camilleri,

warajh Michelle Buttigieg u wara Cettina Camilleri u Michelle Buttigieg qalet lil Neville, “*Dik x’riedet tghid biha ghax naqlaghlha rasha*”. Ix-xhud qalet li hi baqghet gewwa l-hanut tistenna sabiex tinqeda u peress li Tessie Spiteri kienet harget mill-hanut u rat li kienet damet barra, harget biex tara x’kien gara u ratha titkellem ma Michelle Buttigieg u qalet lil Tessie Spiteri biex jitilqu.

Dak l-hin huha Neville Buttigieg qabad fiha u beda jghidilha “*Dan kollu tort tieghek ja qahba*” u taha daqqa ta’ ponn, habbtilha rasha mal-hajt u hi sotrdiet u spiccat f’idejn l-imputat. Qalet li qabad jghajjat “*Lil ohti ma tmessiex*” minghajr ma hi ma kienet messiet lil ohtu u ta tlett daqqiet ta’ ponn ohra fuq ix-xellug ta’ wiccha.

Mistoqsija minn ta d-daqqiet, ix-xhud wiegbet li l-ewwel daqqa tahielha huha w imbaghad l-iehor u cioe l-imputat, ta tlett daqqiet fuq in-naha l-ohra. Qalet li anke rasha habbtilha mal-hajt u f’xi hin qabdet il-mobile u cemplet lil ommha. Ix-xhud qalet li wara bdiet niezla ‘l isfel u Cettina qaltilha “*Qed tara xi glieda qlajt, dan kollu tort tieghek*” u hi rrisponditha “*Jien lanqas biss kellimtkom lilkom, intom tajtuna fastidju*”.

Ix-xhud kompliet tghid li huha kien ser jerga jahbat ghaliha u gibditu martu. Qalet li dak l-hin Tessie Spiteri kienet qed titkellem ma Michelle Buttigieg u rat lil huha minnn warajha jghidilha “*Warrab ha nifqaghlha wiccha, warrab ha nkissrilha snienha*” u dak l-hin hareg idu u rat lil Tessie Spiteri b’halqha bid-demm. Qalet li wara baqghu nezlin ‘l isfel biex imorru l-Ghassa u qaltlu “*Din mhux ser nerhielek lixxa. Jien se mmur l-Ghassa* “ u hu qalilha “*Mur fejn trid ghax jien nigi nitmellah mill-Pulizija*” u baqghu sejrin l-Ghassa minn fejn baghtuhom l-isptar. Qalet li kif dahlet l-isptar irremetiet u ttiehdilha X Rays ta’ rasha u kull ma kellha tbengila. Qalet li wara baqghet tbati bl-istonku jugghha u xi ghaxart ijiem wara spiccat regghet l-isptar. Ix-xhud esibit certifikat moghti mill-isptar li gie mmarkat bhala dokument Z [fol 47].

Qalet li l-imputat kien hareg idu minn wara ohtu u meta harset lejn Tessie Spiteri kellha halqha kollu demm u

kellna sinna miksura u xi erbgha mharrkin. Qalet li barra ghamlu xi ftit storbju. Qalet li kien l-imputat li mar fuqha l-ewwel. Qalet li la hi u lanqas Tessie ma kienu messew lil ohtu.

In kontr'ezami, mistoqsija mid-difiza dwar fejn sehh l-ewwel incident, ix-xhud qalet li hi kienet mal-hajt tal-knisja ta' San Gorg, f'kantuniera meta qalghet l-ewwel daqa ta' ponn minghand huha u habbtilha rasha mal-hajt. Qalet li t-tieni incident sehh ftit 'l isfel, fit-triq li minn fejn il-knisja ta' San Gorg taghti 'l isfel ghal Strada Palma, ezatt fit-tarf. Qalet li fl-ewwel incident, huha kien mar fuqha, zijitha dahlet quddiemha, u huha ma hakimhiex. Qalet li Michelle Buttigieg, x'hin rat lil huha jaghtiha, ppruvat tidhol biex tifidru minn fuqha u laqatha darbtejn hu. Qalet li x'hin hu Michelle Buttigieg warrabha lil Michelle, Michelle bdiet niezla ma' Cettina 'l isfel. Qalet li ftit wara, hi [x-xhud] irnexxilha titlaq min taht idejn l-imputat u bdiet niezla 'l isfel. Qalet li sa dak l-hin Michelle u Cettina kienu qed jitkellmu u l-imputat mar wara ohtu. Qalet li hi kienet harget mill-hanut avolja kienet ghadha m'inqdietx, peress li Tessie Spiteri kien harget mill-hanut u peress li damet ma rritornat kienet harget biex tara x'kien gralha Tessie Spiteri. Hi cahdet dak li allegat d-difiza li hi harget mill-hanut biex tisfida ghal glied. Qalet li hi l-ewwel nizlet lejn l-Ghassa u li kienu huma li nizlu warajha u qabduha. Ix-xhud qalet li hi bdiet niezla 'l isfel biex tmur l-Ghassa, waqfuha huha u l-mara tieghu, sakemm zijitha kienet qed titkellem ma Michelle Buttigieg, u l-mara ta' huha qaltilha [lix-xhud] "*Qed tara xi glieda qlajt!*" Ix-xhud qalet li kienu huma li lahquha u kif Cettina qabdet lil huha mal-hajt, biex lilha ma jergax imissha, kif dawwret wiccha 'l fuq rat lil zijitha bi snienha mtajjrin u bid-demm f'halqaha. Qalet li sadanitant hi telghet ghal zitha u bdew nezlin 'l isfel biex imorru l-Ghassa ghaliex dik kienet triqithom.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Lulju 2005 **xehed Doctor Joseph Xuereb** [fol 61] fejn qal li hu d-dentist ta' Tessie Spiteri, li ezamina nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Ottubru 2003, f'xi t-tmienja w nofs ta' filghaxija. Qal li dakinhar tal-ezami fuq Tessie Spiteri, hu rriskkontra li kellha s-sinna ta' quddiem imtajjra recenti u kellha sinna ohra fuq *plate* ta'

ma gembha, miksura, sinna naturali ta’ quddiem wkoll ticcaqlaq u qasma fuq in-naha ta’ gewwa ta’ xoffitha ta’ fuq. Qal li hu hadilha X Rays u s-sinna li kellha nieqsa ma kellhiex bicciet gewwa. Qal li dik s-sinna li kienet ticcaqlaq bdiet ticcaqlaq wara li qalghet daqqa fuqha. Qal li dakinhar l-pazjenta nghatat pain killers u kellha terga tmur ghal vista fi zmien jumejn biex isir *replacement* temporanju ghal zewg sinniet neqsin, dik naturali u dik ta’ mal-*plate*. Qal li l-pazjenta kienet sussegwentement talbitu jekk hemmx possibilita ta’ *replacement* b’mod fiss u hu kellu jara aktar tard qabel jiehu decizjoni. Qal li sussegwentement ghamlilha sinna w nofs ta’ quddiem fissi.

Illi nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Lulju 2005 **xehdet Michelle Buttigieg** [fol 63] fejn wara li giet imwissija li kellha d-dritt ma tixhedx f’dawn il-proceduri stante li l-imputat jigi huha, ix-xhud ghazlet li taghti d-deposizzjoni taghha.

Qalet li hi kienet ma huha l-imputat, Cettina u Neville Camilleri f’hanut tad-deheb hdejn San Gorg fir-Rabat, biex jaghmlu l-preparamenti ghat-tieg, ghalkemm l-imputat ma dahalx fil-hanut, f’liema hanut kien hemm Claudette Camilleri u Tessie Spiteri. Qalet li huma baqghu fil-hanut u f’xi hin rat lil Neville Camilleri jitkellem ma Tessie Spiteri waqt li hi u Cettina komplew ma tal-hanut. Qalet li meta lestew u kienu hergini ‘l barra, semghet lil Tessie Spiteri tghid lil Neville Camilleri “*Toqghodx tisma minn dawn*” b’referenza ghalihom. Qalet li nonostante dan, huma baqghu hergin mill-hanut. Ziedet tghid li meta hargu barra marret fuqhom Tessie Spiteri u bdiet tghidilha li kien kollu tort taghha li kien inqala l-inkwiet. Qalet li hi staqsiet lil Tessie Spiteri ghaliex kienet qed twahhal fiha peress li hi ma kienet ghamlitilhom xejn. Sussegwentement Tessie Spiteri daret fuq Cettina u bdiet tghajjarha ‘qahba mgiddma’ w ippuntat subajha f’ghajnejn Cettina, pero cioe nonostante, ma tawx kazha u baqghu nezlin ‘l isfel.

Ix-xhud kompliet tghid li dak l-hin daru ghaliha Tessie Spiteri u Claudette Camilleri u hi ppruvat tiddefendi ruhha. Qalet li dak l-hin mar huha fuqha, qabadha minn idejha u kaxkarha l’isfel. Qalet li meta nizlu ‘l isfel, semghet lil

Tessie Spiteri tghid li kellha d-demm f’halqaha u dan nonostante Tessie Spiteri baqghet tigri warajhom filwaqt li marret hdejn Neville Camilleri u capcpitilu f’wiccu. Mistoqsija min ta d-daqqa lil Tessie Spiteri, ix-xhud wiegbet li ma kienetx taf. Ix-xhud qalet li lilha, tnejn minn nies bdew jaghtuha u hi ippruvat titlaq minn taht idejhom. Qalet li hi ma ratx lil huha, l-imputat, jaghti lil Tessie Spiteri u kull ma ghamel kien li qabad lilha [lix-xhud] minn idejha u kaxkarha ‘l isfel. Qalet li minn dak l-hin ‘l quddiem, huha ma regghax mar hdejhom.

Illi nhar l-erbgha ta’ Awissu 2005 **xehdet Cettina Camilleri** [fol 67] fejn qalet li dakinhar tal-incident hi kienet fil-Pjazza ta’ San Gorg flimkien ma Michelle Buttigieg, Neville Camilleri, u l-imputat li gharfet presenti fl-awla f’hanut tal-fidda, tas-souvenirs. Qalet li waqt li huma kienu fil-hanut jitkellmu ma sid il-hanut, marret Tessie Spiteri tkellem lil Neville Camilleri u qaltlu “*Ghala m’ghadekx tmur d-dar ta’ ommok?*” u Neville Camilleri qalilha “*Ghax sibtni ahjar, inqas gllied w inqas problemi.*”

Kompliet tghid li waqt li kienu sejrin lil hinn, Tessie Spiteri marret fuqha w ghajjritha ‘qahba mgiddma’ ghal tlett darbiet w ippuntat subajha f’ghajnejha. Kompliet tghid li waqt li kienu nezlin ‘l isfel, Tessie Spiteri u Claudette Camilleri daru fuq Michelle Buttigieg u bdew jghajjruha u jaghtuha. Qalet li Michelle Buttigieg dak l-hin bdiet tipprova tiddefendi ruhha, l-imputat induna b’hekk u mar gibidha minn idejha biex johodha ‘l isfel. Qalet li waqt li huma kienu nezlin, Tessie Spiteri baqghet tigri warajhom, xejjret daqqa ta’ ponn f’wicc Neville Camilleri u bdiet toffendihom u tghajjarhom. Ix-xhud cahdet dak li gie allegat li f’xi hin l-imputat ta lil Claudette Camilleri u lil Tessie Spiteri. Qalet li hi ma tigi xejn mill-imputat. Qalet li hi ma kienetx taf jekk meta hargu mill-hanut Tessie Spiteri u Claudette Camilleri, kienux lesti, kull ma taf hu li hargu u baqghu jsegwuhom sakemm baqghu hergin fit-triq d-dritta.

Illi nhar l-hmistax ta’ Dicembru 2005 **xehed Neville Camilleri** [fol 75] fejn qal li hu, l-gharusa tieghu Cettina, Michelle Buttigieg u l-imputat, li gharaf presenti fl-awla

kienu qeghdin fil-pjazza ta’ San Gorg dehlin f’hanut tal-fidda. Qal li l-imputat ma dahalx fil-hanut. Qal li f’dan il-hanut kien hemm z-zija tieghu Tessie Spiteri w ohtu Claudette Camilleri jixtru xi affarijiet. Qal li hin minnhom marret zitu Tessie Spiteri fuqu u qaltlu “*Kif m’ghadekx tigi d-dar*” u hu rrispondiha li jhossu ahjar minn mindu ma baqax imur d-dar. Qal li sussegwentement hu, l-gharusa tieghu Cettina, u Michelle Buttigieg hargu mill-hanut, Tessie Spiteri u Claudette Camilleri hargu mill-hanut warajhom u bdew jghajjru lil Michelle Buttigieg li kien kollu tort taghha ghal dak li kien gara. Qal li zijtu Tessie ppuntat subajha lejn ghajnejn Cettina w ghajjritha tlett darbiet ‘qahba mgiddma’. Qal li huma baqghu nezlin ‘l isfel lejn hanut tad-diski u Tessie Spiteri u Claudette Camilleri baqghu jjigru warajhom jinku lil Michelle Buttigieg u jaghtuha. Qal li l-imputat f’xi hin qabad lil Michelle Buttigieg minn idejha, u baqghu nezlin ‘l isfel u dawn baqghu jigru warajhom u jghajjruhom. Ix-xhud zied jghid li kif waslu quddiem il-hanut tad-diski, zijtu taghtu daqqa go wiccu u hu qabad lil Cettina u baqghu nezlin ‘l isfel. Qal li hu fl-ebda hin ma ra lil imputat ihebb ghal Claudette Camilleri u qal li lanqas biss kien jaf li din spiccat b’feriti. Qal li fl-ebda hin ma ra lil imputat jiggieled ma zitu u kull ma ghamel kien li qabad lil ohtu Michelle Buttigieg minn idejn zitu u Claudette Camilleri. Minn fejn kienu huma hdejn il-hanut sa hdejn il-hanut taad-diski hemm xi mitejn metru u dan nonostante dawn baqghu mexjin u jigru warajhom. Qal li hu ra lil imputat jigbed biss lil ohtu minn hdejn it-tnejn l-ohra.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Jannar 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** [fol 78] fejn qal li dakinhar tal-incident hu kien tiela r-Rabat flimkien ma ohtu Michelle Buttigieg, Neville Camilleri u Cettina Camilleri u meta waslu hdejn il-Pjazza ta’ San Gorg fir-Rabat, Michelle Buttigieg, Neville Camilleri u Cettina Camilleri, dahlu f’hanut fi pjazza San Gorg. Qal li hu ma dahalx maghhom u baqa barra. Qal li wara ftit dawn hargu u kienu nezlin ‘l isfel meta fis-siegha w l-hin, harget Tessie Spiteri mill-istess hanut fejn kienu ohtu, Neville Camilleri u Cettina Camilleri. Qal li Tessie Spiteri kienet fil-kumpanija ta’ Claudette Camilleri, daret fuq Tessie Spiteri u bdiet tghajjarha, daret fuq Michelle Buttigieg u bdew jiggieldu hi,

Claudette Camilleri w ohtu, it-tlieta li kienu. Qal li meta ra hekk, hu qabad lil ohtu Michelle Buttigieg u gibidha lejh bil-ghan li jmorru ‘l isfel. Zied jghid li Tessie Spiteri u Claudette Camilleri regghu gew warajhom jigru u joffenduhom, dawn kisru ghal fuq naha u huma ghal fuq ohra. Qal li hu, fl-ebda hin ma mess lil Tessie Spiteri u Claudette Camilleri u kull ma ghamel kien gibidhom waqt li kienu qed jghajjtu.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti hija rinfaccata b’zewg versjonijiet tal-fatti rigward l-ewwel zewg akkuzi, u cioe dik proposta mill-allegata vittma Tessie Spiteri, kif korroborata minn xhieda ohra, li kienet giet vjolentata mill-imputat u spiccat b’zewg sinniet imkissrin u dik moghtija mill-imputat fejn innega li ta xi daqqiet ta’ ponn lil Tessie Spiteri, kif sa certu punt hu korroborat mix-xhieda li kienu mieghu.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta’ fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta’ zmien u ghalhekk kienet f’posizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom x’interess setgha kellu xi xhud f’dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu kif gie allegat mid-difiza, li jekk l-Qorti hija rinfaccjata b’zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera stante li tali konflitt, ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero huwa veru wkoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-***

***Appell Kriminali fid-dsatax ta' April, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Graham Ducker** li;

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt; whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - Vol III Kap IV- pg. 234- Ediz 1890 -

"*Il cosi detto onero della prova cioe il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit."*

Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe Tessie Spiteri u Claudette Camilleri kienu aktar veritieri f'dak li qalu. Il-Qorti qiset l-imgieba taghhom u l-konsistenza f'dak li qalu u li effettivament ikkonfermaw w ikkorroboraw lil xulxin sa' l-ahhar dettal. Dan mhux bizzejjed, ghaliex anke mic-certifikati medici esibiti, ix-xhieda taghhom tirrizulta kolloborata.

Per ezempju, Claudette Camilleri tghid li qalghet diversi daqqiet minghand l-imputat tant li spiccat storduta u tirremetti. Id-*discharge letter* rilaxxjata minn Doctor V. Curmi dokument Z a fol 47, jipprova proprju dan u cioe li kellha '*a severe anxiety state, dizzyness, headaches and repeated vomiting*'.

Il-Qorti ma tahsibx li kieku ma kienx veru li giet imsawwta mill-imputat, kien se jkollha dawn l-kundizzjonijiet u li kellha bzonn taghmel jumejn l-isptar mit-tlieta ta' Novembru 2003 sal-hamsa ta' Novembru 2003.

Illi mic-certifikat rilaxxjat minn Doctor Ian Galea nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Ottubru 2003, kif konfermat minnu fl-affidavit li hejja nhar l-erbatax ta' Jannar 2004, jirrizulta li Tessie Spiteri kienet involuta fi glieda u li s-sinna ta'

quddiem taghha kienet giet imtajjra w ghalhekk giet riferuta lid-Dentist Doctor Joseph Xuereb u sussegwentement l-istess Doctor Xuereb fic-certifikat tieghu dokument S [fol 28] jiddeskrivi dak kollu li kien sab f'halq Tessie Spiteri u li effettivament kellha thallas s-somma ta' tmien mitt lira bhala spejjes biex irrangat snienha.

Illi Doctor Joseph Xuereb jikkonferma li l-feriti li ssubiet Tessie Spiteri kienu ta' natura gravi peress li l-hsara fis-sinna kienet permanenti.

Illi d-difiza sostniet li bla pregudizzju ghal htija tal-imputat, ksur ta' snien ma jammontax ghal sfregju fil-wicc u sussegwetement mhux ferita gravi izda ferita ta' natura hafifa ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap 9.

Il-Qorti, ghalhekk thoss li ghandha tispjega dak li tfisser l-ligi bil-kliem "mankament fil-wicc" kif kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 kif gie akkuzat l-imputat.

B'mankament [jew fit-test Taljan tal-ligi taghna, allura l-artikolu 222 'deformita'] fil-wicc, l-ligi qed tirreferi ghal kull detorjorment tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezza jew repunjanza, jipproduci sfigurament cioe '*peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita delle alterazione stessa o per l'espressione d'assieme del volto*' [**Manzini V. *Trattato di Diritto Penale Italiano*** – Vol. VIII Kap XXVIII pg. 235.]

Sfregju mill-banda l-ohra, a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista ssir fir-regolarita tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc.

Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju, trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "*li soltu jkun hemm bejn n-nies meta jitkellmu ma xulxin*" [vide **Il-Pulizija v Emily Zarb** – ***App. Krim. 15/02/58*** – kollezz. Deciz XLII. Iv. 1245, 1248].

Issa huwa veru li s-snien ma humiex parti mill-wicc, ghalkemm t-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju

kif wkoll mankament minhabba l-effett li jistghu jhallu fuq il-wicc u specjalment fuq r-regjun tal-halq.

Dwar dan, la t-tul tal-infermita u lanqas l-permanenza o meno taghha ma huma relevanti ai finijiet tal-artikolu 216(1)(b) [vide **Il-Pulizija v Francis Dingli** – ***Appell Kriminali deciz 12/09/1996***].

Illi l-Qorti stess rat lil Tessie Spiteri u ma hemmx dubbju li meta titkellem s-snien ta' quddiem taghha juru u fil-fatt jidhru li ma humiex s-snien taghha naturali, tant li fil-fatt jidhru li gew *replaced* w ghalhekk ma jnisslux ribrezz jew repunjanza izda certament jipproducu sfigurament fil-wicc ghaliex jaghmlu alterazzjoni fil-harsa naturali taghha u fl-espressjoni ta' wiccha u ghalhekk tali ferita hija gravi ai termini tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 ghaliex tammonta ghal mankament fil-wicc.

Ix-xhieda tal-imputat ma hiex daqshekk kredibbli u dan ghaliex il-Qorti ma temminx li hu ma ta ebda daqqa izda biss ferraq u dan ghaliex anke meta xehed fuq il-pedana tax-xhieda, aktar minn sena wara l-incident, deher li kien ghadu rrabbjat. Huwa wisq improbabbli li Tessie Spiteri u Claudette Camilleri, li huma t-tnejn ta' statura pjuttost zghira, kienu ser isegwu lil imputat u ohtu, li ghandha statura pjuttost robusta u kbira li kienu fil-kumpanija ta' zewg minn nies ohra, biex jiggieldu.
Illi ghalhekk in vista tas-suespost, **il-Qorti** thoss li, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 338(dd), 339(1)(d), 214, 221, 216 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib lil imputat JOSEPH BUTTIGIEG hati tal-akkuzi kollha inkluz dik tal-akkuza ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' Tessie Spiteri.**

Il-Qorti rat l-fedina penali tieghu esibita fl-atti a fol 13 minn fejn jirrizulta li hija wahda nadifa ghall-ahhar, bla ebda tebgha jew kontravenzjoni registrata fuqha w ghalhekk minhabba dan qed tittratta mal-imputat bhala *a first time offender* u ma thossx li piena karcerarja effettiva hija l-piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghalhekk **il-Qorti tiddikjara li qed tikkundanna komplessivament lil imputat JOSEPH BUTTIGIEG ghal akkuzi li sabitu hati taghhom, ghal piena karcerarja ta' sentejn liema perjodu qed jigi sospiz ghal tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------